# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**
**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**
**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 660/00mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Allied International Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u sitta u disghin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm596.14) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 381957, (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond Allied International

Ltd, Triq il-Qasab, San Gwann, u dana skond ma jidher mill-anness ‘service agreement’ Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Awissu, 1999, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-20 ta’ Frar, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.